**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 44 – 25 ta' Marzu 2011**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' b' urgenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fil-5.30 ta' filgħaxija u saret Agenda 44. Il-laqgha bdiet fil-5.50 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Duncan Bartolo | Viċi Sindku |
| | Dominic Cutajar | Kunsillier |
| | Emanuel Agius | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| | Mary Vassallo La Rosa | Kunsilliera |
| Skużati: | Mario Borg | Kunsillier |
| | Joe Ciantar | Kunsillier |
| Assenti: | Hadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Prezenti ghal-laqgha kien hemm il-Project Manager Philip Gatt.

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

**1. TRIQ IL-BUSKETT**

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li x-xoghol fuq triq il-Buskett kien waqaf minghajr ma' l-Kunsill kien inghata ebda spjegazzjoni jew avviz u wara li sar kuntatt mill-project manager tal-kunsill mal-perit tal-kuntrattur dan kien qallu li ma kienx se jitkompla x-xoghol jekk il-kunsill ma kienx se jhallas lill-kuntrattur tax-xoghol li kien tlesta fuq it-toroq l-ohrajn li kien ghamel.

1.2. Is-Sindku qal li huwa ghamel kuntatt mal-kuntrattur li spjegalu li fil-prezent kien ghaddej minn problema ta' cash flow u kien qieghed jitlob pagament ta' €50,000 fuq ix-xoghol li kien sar fit-toroq l-ohrajn halli jkun jista jixtri l-

materjal sabiex jibda triq il-Buskett. Is-Sindku talab lis-segretarju sabiex jispjega f' liema stadju jinsabu l-pagamenti lil Schembri Infrastructures.

1.3. Is-Segretarju spjega li l-kuntrattur Schembri Infrastructures kien ghamel 5 toroq ghall-kunsill; Triq il-Kurkanta, Triq il-Qubbajt, Triq Tumas Dingli, Triq l-Ghasfura u Triq Adeodato Gatt, liema toroq ix-xoghol fuqhom kien tlesta u certifikat mill-perit. Is-Segretarju qal li fil-kuntratt fuq dawn it-toroq kien hemm klawzula li tispecifika li l-hlasijiet ghal dan ix-xoghol isir biss wara li x-xoghol ikun certifikat u l-pagamenti jinqasmu fuq perijodu ta' sentejn. Is-Segretarju spjega li meta wiehed jikkalkula x' suppost kellu jhallas il-kunsill sa dik il-gurnata, il-kunsill kellu jhallas is-somma ta' €39,831 mentri fir-realta il-kunsill kien diga hallas madwar €100,000. Is-Segretarju spjega li l-kunsill ma kellu ebda obligu li jhallas is-somma mitluba mill-kuntrattur izda xorta wahda kien f' posizzjoni li jaghmel dan.

1.4. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li ma kienx jaqbel fl-eventwalita li jsiru pagamenti fuq triq il-Buskett qabel max-xoghol ikun tlesta u jigi ccertifikat. Is-Sindku Alfred Grixti wiegeb li kien jaqbel mal-kunsillier Cortis u assigurah li l-pagament li kien se jsir kien fuq ix-xoghol l-iehor li diga lest u certifikat. Is-Sindku spjega li huwa kien rabat lill-kuntrattur li minn nhar it-Tnejn imur ikompli x-xoghol inkella ma kienx se johroglu l-pagament.

1.5. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill johrog pagament ta' €50,000 mis-somma li kienet ghada pendenti fuq ix-xogholijiet li diga saru u gew certifikati bil-patt u l-kundizzjoni li nhar it-tnejn 28 ta' Marzu 2011 jitkompla x-xoghol fuq Triq il-Buskett. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittiehed Vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-kunsilliera Dominic Cutajar, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo la Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b' mod unanimu (105).

1.6. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-WSC kienet qeghdha titlob xoghol addizzjonali relatat mat-toroq tal-PPP li jammonta ghal madwar €82,000. Is-Sindku spjega li hija hasra li inizjattiva bhal PPP tigi mfixkla minn dawn ir-rikjesti tal-WSC u dan kien sintomu li l-id il-leminija ma kienitx taf x' inhi taghmel l-id ix-xellugija. Is-Sindku kompla jghid li l-Kunsill kien ilu madwar sena jikkumbatti imma anke Dr. Chris Said kien qallu li ma tantx kien jidher li hemm cans li l-kunsill igibha zewg. Il-Kunsillier Dominic Cutajar

qal li f’ kelma wahda l-kunsill irid jidhol ghal din l-ispiza jekk irid jaghmel il-progett tal-PPP.

1.7. Is-Sindku Alfred Grixti filwaqt li kkonferma dak li qal il-kunsillier Cutajar qal li huwa kien jinsab disgustat ghal fatt li l-WSC ma kelliex pjan ghax-xogholijiet gewwa Haz-Zebbug.

1.8. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li kien dizappuntat b’ dan l-agir u qal li fl-ahhar mill-ahhar dawn kien hemm Ministru fuqhom li huwa responsabli.

1.9. Il-Kunsillier Emanuel Agius dahal ghal-laqgha fis-6.15pm.

1.10. Il-Kunsillier Dominic Cutajar ikkummenta li b’ dik is-somma kienet issir iz-zona tal-Grazzja wkoll.

1.11. Il-Kunsillier George Cortis ikkummenta li hekk il-kunsill kien ha jispicca jaghmel xoghol f’ zona wahda biss. Is-Sindku wiegeb li dan kollu sehh minhabba li l-kunsill ma kienx inghata risposta sabiex it-toroq li kienu inghataw lil Schembri Infrastructures jigu nkluzi fil-PPP. Is-Sindku Alfred Grixti qal li kienet xewqa tieghu li jekk jinghata l-permess mid-dipartiment jaghmel dawn it-toroq ukoll.

1.12. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill japprova l-ispiza addizzjonali li mponiet fuq il-kunsill il-WSC ta’ €82,000 ghal-xogholijiet taghhom fit-toroq li fihom se jsir il-progett tal-PPP. Huwa gie sekondat mill-Kunsillier Philip Said. Ittiehed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Vici Sindku Duncan Bartolo, il-kunsilliera Dominic Cutajar, Leli Agius, George Cortis, Philip Said u Mary Vassallo la Rosa.

**Dawk Kontra;** Hadd

**Astensjonijiet;** Hadd

Il-mozzjoni giet approvata b’ mod unanimu (106).

1.13. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li sa minn meta tela’ Agira ghall-gemellagg fi zmien il-festa taghhom, kellu x-xewqa li l-istess devozzjoni murija gewwa Agira, b’ xi mod tigi mwassal gewwa Haz-Zebbug ukoll. Ghalhekk ghall-ahhar xhur il-kunsill beda jahdem flimkien mal-kunsill ta’ Agira sabiex tingieb l-urna tal-fidda bil-fdalijiet ta’ San Filep gewwa Haz-Zebbug ghall-festa. Is-Sindku kompla jghid li kien ghadu kif inghata l-konferma li din il-holma kienet se ssir realta u ghalhekk kien ha jitla’ f’ isem il-Kunsill sabiex jiffinalizza l-ahhar ftehim ghal dan l-avveniment storiku. Is-Sindku Alfred Grixti qal li hija x-xewqa tieghu li dan kollu jsir f’ kordinazzjoni

mal-Parocca u ghalhekk bhala parti mid-delegazzjoni tal-Kunsill kien se jitla’ l-vici arcipriet Dun Mario Sammut, kif ukoll is-sur Philip Grech peress li ghandu kuntatti tajbin gewwa Agira.

Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tnejn 4 ta’ April fis-7pm. Il-laqgħa spiċċat fis-6.15pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |